Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 253/2012AE

**Vincent Dimech**

**Vs**

**Malta Freeports Limited**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Marzu 2012 l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi r-rikorrent kien registered port-worker u fit-30 ta' Jannar 2009 kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' intimata bhala truck driver fil-Freeport Terminal, Kalafrana;*

*2. Illi ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8pm) waqt li r-rikorrent kien qed isuq tug-master minn Terminal 1 ghal Terminal 2, hekk kif ordnat mis-socjeta' intimata, hu korra serjament meta l-istess t-truck misjuq minnu nizel go hofra kbira li kien hemm fl-art tat-Terminal, li kienet mimlija u mghottija bl-ilma, stante' li fil-jum imsemmi ghamlet ix-xita;*

*3. Illi malli t-truck nizel go din il-hofra, ir-rikorrent ha skoss qawwi u korra f'ghonqu, kif ukoll parti minn idu x-xellugija ttarrxet, u minhabba dan il-korriment, ir-rikorrent dam ma jistax jahdem bejn it-30 ta' Jannar 2009 u t-2 ta' Marzu 2009, u b'hekk sofra loss of wages kif ukoll dannu fuq il-persuna tieghu;*

*4. Illi s-socjeta' intimata hi responsabbli ghal dan l-incident li sehh unikament htija taghha minhabba nuqqas ta' diligenza, prudenza u hsieb u b'negligenza u imperizja, u wkoll minhabba li ma giex ipprovdut a safe working environment minn naha tas-socjeta' intimata li wkoll m'osservatx l-obbligi li ghandha skont il-ligi bhala enti li thaddem;*

*5. Illi s-socjeta' intimata giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

L-attur talab lill-qorti sabiex:-

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hi responsabbli, ghar-ragunijiet fuq premessi, ghall-incident li fih sofra korrut ir-rikorrent li sehh fit-30 ta' Jannar 2009 waqt li kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' intimata;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-24 ta' Jannar 2011 annessa u markata bhala Dok VD1, kontra s-socjeta' intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-3 ta' April 2012 il-konvenuta wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrent Dimech huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent Dimech u dana stante' illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew negligenza tas-socjeta' intimata;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, id-disabilita' allegatament sofferta mir-rikorrent u d-danni sofferti minnu huma kkontestati, u r-rikorrent ghandu jressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex jipprova d-danni pretizi minnu;*

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Il-kaz jitratta dwar incident fil-Freeport li sehh fit-30 ta' Jannar 2009. L-attur harrek lis-socjeta konvenuta ghat-telf ta' paga li qal li sofra minhabba li wegga' fuq il-post tax-xoghol u kien bis-sick leave fil-perjodu bejn it-30 ta' Jannar 2009 u 2 ta' Marzu 2009. L-attur jippretendi hlas ta' ghaxart elef u hamsa u disghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€10,095.98).

   L-attur spjega li waqt li kien qieghed isuq tugmaster gewwa Terminal 2 baqa' diehel f'hofra li ddeskriviha fonda madwar tmien pulzieri u li kienet mghottija bl-ilma tax-xita. Spjega: *"L-incident sehh meta z-zewg roti ta' quddiem tat-tug master nizlu b'tisbita kbira gol-imsemmi dizlivell li kien hemm fit-triq, li kien qiesu hofra kbira, u regghu telghu b'sahha qawwija billi t-trukk imbaghad tela' minn dan id-dizlivell. B'konsegwenza ta' dan hadt skoss qawwi f'ghonq. Din il-hofra kienet mimlija u mghottija bl-ilma, u ma stajtx ninduna biha……"* (fol. 39).

2. **<u>Responsabbilta</u>**.

   2.1 Jidher li l-konvenuta tibbaza d-difiza taghha fuq it-tezi li fil-post fejn l-attur qal li sehh l-incident ma kienx hemm hofra fit-triq[1]. Wara li l-qorti rat l-atti tqies li l-verzjoni tal-attur hi kredibbli. Fil-fatt jirrizulta li dakinhar li sehh l-incident mar jiddewwa ghand in-nurse li nzerta duty fil-klinika li hemm il-Freeport (fol. 19-20) u l-attur gie certifikat li sofra *whip lash injury* (ara deposizzjoni tat-tabib Dr Joseph Pace, fol. 17B).

   2.2 Stephen Busuttil xehed li: *"Fil-fatt dik l-art issewwiet sena wara. Kieku kien hemm hofra konna nintervjenu bit-tiswija. Ma kienx hemm hofra ghax it-tiswija saret sena wara biex naghmlu traffic management u mhux ghax gie rappurtat li hemm xi hofra"* (fol. 60). 'Il fatt li sena wara l-incident sar xoghol fil-parti tat-triq fejn l-attur qal li sehh l-incident,

[1] Ara deposizzjoni ta' Stephen Busuttil, Manager fil-Freeport (fol. 56-61).

ma jfissirx li fit-30 ta' Jannar 2009 ma kienx hemm hofra. M'hemmx prova li fiz-zmien li sehh l-incident ufficjali mill-Health & Safety tal-Freeport ghamlu spezzjoni fil-post fejn l-attur qal li sehh l-incident u rrizultalhom li ma kienx hemm hofra. Dan minkejja li l-attur mill-ewwel irrapporta l-incident tant li fittex l-ghajnuna tan-nurse li dakinhar kien duty fil-Freeport u l-ghada sar ukoll rapport bil-miktub[2].

2.3 Inoltre mill-kontro-ezami li sar lill-attur il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li kkontradica dak li kien xehed b'affidavit.

2.4 Hu fid-dmir tas-socjeta konvenuta li tizgura li toffri lill-haddiema li jahdmu gewwa l-Freeport ambjent sigur ta' xoghol. Fil-kaz in ezami l-konvenuta naqset f'dan l-obbligu. It-triq gewwa l-Freeport hi responsabbilta taghha. Ghalhekk il-konvenuta trid twiegeb ghad-danni li sofra l-attur.

3. **Likwidazzjoni danni**.

3.1 L-attur jippretendi €10,095.98 ghad dhul li qal li sofra peress li kien bis-sick leave bejn it-30 ta' Jannar 2009 sat-2 ta' Marzu 2009.

3.2 Jirrizulta pero' li fil-perjodu in ezami l-attur ircieva hlas ta' €3,346.09 (ara dikjarazzjoni tal-Malta Maritime Authority datata 29 ta' April 2009 a fol. 18[3]).

3.3 L-attur ma tax raguni ghalfejn is-somma ta' €3,346.09 m'ghandhiex titnaqqas mill-hlas li qieghed jippretendi. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet qal: *"Dan il-beneficcju ma jithallasx mis-socjeta intimata"*, hu rrilevanti minn min thallas. Inoltre, meta xehed in kontro-ezami qal: *"Qed nigi mistoqsi allura jekk jiena diga' thallast xi parti minn dan l-ammont ta' €10,095.98, ghid li naqbel. Fil-fatt jiena m'inix qed nikklejmja ghalihom peress li hadthom diga"* (fol. 54).

3.4 L-attur ghandu jedd jirkupra dak li **effettivament tilef** bhala dhul matul il-perjodu li ma kienx qieghed jirrapporta ghax-xoghol.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-attur b'dan li:-**

**1.Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef seba' mija u disa' u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmu.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef seba' mija u disa' u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€6,749.89), bl-imghax mil-lum.**

---

[2] Ara fol. 19-20.

[3] Fid-dokument jinghad ukoll li matul il-perjodu in kwistjoni d-dhul gross ta' port worker li kien jaghmel it-tip ta' xoghol tal-attur, kien ta' €10,095.98.

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

Anthony Ellul.